MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 677/2011

**Jalcas Developments Limited**
**(C – 38005)**

**vs**

**Dr. Patrick Valentino u l-PL Madeline Firman kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Andrei Suchkov – passaport Russu Numru 711232253**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-14 ta’ Lulju, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti fuq indikata sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi fis-16 ta’ Marzu, 2011, il-kontendenti kkonkludew konvenju li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti obbligat ruhha li tbiegh, tassenja u titrasferixxi lill-intimat Suchkov li accetta u obbliga ruhu li jaccetta,

jixtri u jakkwista mis-socjeta` rikorrenti l-appartament numru 13 formanti parti mill-blokk maghruf bhala "*Garage Complex*" inkluz tlett (3) fondi kummercjali, erba' (4) "*maisonettes*", hames (5) appartamenti u tlett (3) "*penthouses*", kif indikati fl-istess rikors promotur f' "*Southern Court*", fi Triq il-Majjistral, Marsaskala;

2. Illi l-konvenju ndikat fil-paragrafu precedenti gie debitament registrat minn Nutar Ruben Casingena mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni skont il-ligi;

3. Illi l-bejgh involut kien ghall-prezz ta' mija u disgha u tletin elf Ewro, (€139,000.00);

4. Illi rizultat tal-istess konvenju l-intimat hallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlettax –il elf u disgha mitt Ewro, (€13,900.00), bhala depozitu akkont tal-hlas pattwit;

5. Illi minkejja li l-intimat gie debitament interpellat biex jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali de quo, hu baqa' inadempjenti;

6. Illi ma tezisti l-ebda raguni valida ghalfejn l-intimat m'ghandux jaddivjeni ghall-kuntratt finali;

7. Illi in vista tas-suespost ir-rikorrenti aderixxa lil din il-qorti u jitlob:

i. Illi tiddikjara li l-intimat naqas milli jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali skont il-konvenju fuq riferit;

ii. Illi tikkundanna lill-intimat biex jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-atti finali ghax-xiri u l-bejgh tal-fondi fuq indikati f' "*Southern Court*", Triq il-Mejjistral, Marsaskala, taht il-pattijiet kollha stipulati fil-konvenju fuq riferit;

iii. Illi tinnomina nutar biex jippubblika l-att relattiv in dizamina f'jum, hin u lok kif stabbilit minn din il-qorti;

iv. Illi fil-kaz li l-intimat jonqos li jhallas il-bilanc kollu dovut u li jwettaq l-obbligazzjonijiet kollha tal-konvenju, id-depozitu mhallas mill-intimat fil-konvenju *de quo* jitqies mitluf favur is-socjeta` rikorrenti;

v. Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-intimat;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati debitament nominati li sintetikament wiegbu bil-mod segwenti:

1. Illi huma mhux edotti mill-fatti;

2. Illi rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri u aktar xhieda jekk jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal datat is-16 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu jirrizulta li l-udjenza *de quo* kienet rizervata ghall-provi tal-intimat inutilment stante li la l-intimat u lanqas il-kuraturi deputati ma dehru ghall-iskop hemm rizervat;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost mill-atti riferiti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kkonkludiet konvenju mal-intimat Andrei Suchkov rigwardanti x-xiri minnu tal-fondi ndikati fir-rikors guramentat promotur datat is-16 ta' Marzu, 2011, u dan, ghall-prezz komplessiv ta' mija u disgha u tletin elf Ewro, (€139,000.00);

2. Illi l-istess konvenju ndikat fil-paragrafu precedenti kien ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur u suggett ghal kondizzjonijiet tal-ligi dwar l-akkwisizzjoni t'immobbli mill-barranin;

3. Illi l-permess relattiv kien gie debitament rilaxxat favur l-intimat Suchkov, (ara fol 49, 52 u 54 *et sequitur*);

4. Illi mal-konvenju l-istess intimat kien hallas depozitu ta’ ghaxra (10) fil-mija;

5. Illi nonostante s-suespost, l-intimat qatt ma pprezenta ruhu biex jikkonsolida l-kuntratt finali;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-fatt li l-intimat ghazel li ma jipprezentax ruhu fl-atti *de quo* din il-qorti m’ghandhiex alternattiva hlief li takkolji l-provi prodotti fuq sintetikament esposti bhala debitament ipprovati u dan, anke fid-dawl tad-dokumentazzjoni minnha esposta;

Ghaldaqstant hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimat Andrei Suchkov naqas milli jersaq ghal-pubblikazzjoni tal-att finali skont il-konvenju tas-16 ta’ Marzu, 2011, fuq riferit;

2. Tikkundanna lill-intimat Suchkov fuq riferit biex jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-atti finali ghax-xiri u bejgh tal-fondi ndikati fir-rikors promotur f’”*Southern Court*”, Triq il-Majjistral, Marsaskala, u dan, fi zmien tlett (3) xhur mil-lum skont kif determinat min-Nutar espressament hawn nominat ghal dan il-ghan;

3. Tinnomina lin-Nutar Dottor Jan Karl Debono biex jippubblika l-att relattiv fil-jum, hin u lok minnu stabbilit fit-terminu tal-perjodu ndikat fil-paragrafu precedenti;

4. Tiddikjara li kemm –il darba l-intimat Suchkov jonqas fir-rigward u allura ma jhallasx il-bilanc minnu dovut, id-depozitu minnu gia` mhallas mal-konvenju fuq riferit jghaddi favur is-socjeta` rikorrenti Jalcas Developments Limited;

5. Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-intimat Andrei Suchkov.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------